MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 29 ta' Ottubru 2019**

**Kumpilazzjoni numru 648/19 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Scisanne Farrugia**
**(ID: 378598M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Scisanne Farrugia** li giet imressqa quddiemha akkuzata talli fit-23 ta' Ottubru 2019 ghall-habta ta' 21:00hrs u hinijiet qabel, gewwa The Cube, Block 100, Flat 112, Triq Luqa Briffa, Gzira u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommettiet serq ta' oggetti u cioè flus kontanti u/jew xi oggetti ohra, liema serq li sar ghad-dannu ta' Elena Susnea u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u kkwalifikat bil-hin.

Semghet lill-imputata tammetti l-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha, liema ammissjoni giet rikonfermat wara li l-Qorti tatha zmien biex tikkonsidra l-istess ammissjoni u wara li l-Qorti fehmitha l-piena abbinata mal-istess imputazzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata b'mod sommarju;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha, u wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti hija sodisfatta li l-imputazzjoni giet ippruvata skont il-Ligi.

Illi ai fini ta' piena il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni illi l-imputata ghandha problema tal-vizzju tad-droga u ghalkemm il-fedina penali taghha mhix wahda netta, madankollu lanqas ma hija wahda allarmanti. Però l-Qorti hija tal-fehma illi l-imputata ghandha bzonn gwida u hafna volontà min-naha taghha biex timxi 'l quddiem. Ghaldaqstant il-Qorti hija lesta li taghti din l-opportunità lill-imputata li però min-naha taghha trid tahdem id f'id mal-professjonisti biex timxi 'l quddiem.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat artikolu 267, 270, 279 (a) tal-Kodici Kriminali, tiddikjara lill-imputata Scisanne Farrugia hatja tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha u tpoggiha taht **Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. In oltre, ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qieghda tohrog **Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hat.jai u x'jigri jekk hija ma toqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament jew jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur